Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 47**

**Data:** It-Tlieta, 21 t' Ottubru 2025
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Skużati**
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**47.1 Ittri ta' apoloġiji**

47.1.1 Il-President semma s-Sur Max Zammit u H.E Clifford Galea Vella Maslennikov talbu li jkunu skużati.

47.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

**47.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 46**

47.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

47.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**47.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 46**

47.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Sandro Azzopardi ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' 19 ta' Settembru 2025 u l-21 t' Ottubru 2025 li kienet tammonta għal €225,513.41.

**47.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena 2025**

47.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi ġie approvat ir-rapport hekk kif ġie preżentat.

**47.5 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 46**

| | |
|---|---|
| **47.5.1 Enemalta – Street Lightning** | Il-President li rigward il-proġett tal-Enemalta kienet intbgħatet ċirkulari sabiex kull Kunsill Lokali jkun infurmat bil-proċess li ser ikun adottat mill-Enemalta, liema kuntrattur huwa assenjat mal-Kunsill u anki l-lista ta' prijorita' maħruġa minn l-istess entita'. |

**47.6 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **47.6.1 Procura+** | Il-President semma l-Assoċjazzjoni irċeviet rikjesta sabiex tissottometti l-proposta tagħha sabiex is-Seminar internazzjonali tal-Procura+ ikun jista' jsir f' Malta. Il-President |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

semma li ser ikun qed jara x' jirrikjedi finanzjament u anki min-naħa tal-loġistika sabiex naraw inkunx f' pożizzjoni li napplikaw.

**47.6.2 CEMR Summit**

Il-President semma li kienu għaddejjien żviluppi fuq il-koordinazzjoni anki ma' CEMr kif ukoll ma' suppliers lokali. Semma li kienu qed jistennew risposta minħabba l-attendenza tal-Prim Ministru u tal-Onor. Zerafa Civelli. Semma wkoll li Dr. Roberta Metsola kienet ġiet mistiedna imma ma setatx tattendi. Semma li ser jattendi wkoll l-MEP Alex Agius Saliba.
Semma li fil-każ li l-Prim Ministru ma jkunx ser jattendi ser jitlob li jattendi d-Deputat Prim Ministru.
Fakkar li nhar 5 ta' Diċembru bħala parti mill-organizazzjoni ta' Summit hemm ukoll Gala Night il-Muża.

**47.6.3 Kors Klerikali għall-ħaddiema fi skala 16**

Il-President semma li l-preparazzjonijiet mal-MCAST kienu waslu biex jiġu konklużi semma li ser tkun qed tinfetaħ l-applikazzjoni għal dawk fi skala 16 li intressati jagħmlu l-kors.
Semma wkoll li għaddejjien laqgħat mal-UĦM sabiex issiru l-emendi li hemm bżonn fil-Ftehim Kollettiv speċjalment il-kriterji tal-eliġibilita'.

**47.6.4 Riżenja Uffiċjal Maniġerjali – AKL**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni irċiviet r-riżenja tal-Uffiċjal Maniġerjali. Semma li kellu ġimgħa notice li din inqgħetet mill-leave u kien ħadem l-aħħar ġurnata meta ta n-notice.

**47.6.5 ERA – fond għall-taħriġ**

Il-President semma li l-ERA kienet ħarġet fond sabiex Kunsilli Reġjonali u Lokali jkunu jistgħu jaħtu taħriġ lill-komunita' fuq sostenibbilita' u suġġetti relatati.

**47.6.6 March for Peace**

Il-President semma li preżenta opinjoni lill-Kumitatt tar-Reġjuni rigward tfal li ġejjien minn żoni li jinstabu fil-Gwerra. Semma wkoll l-inizjattiva li ser issir nhar 29 ta' Novembru fil-Belt Valletta sabiex isir marċ tal-paċi mit-tfal għat-tfal b' kollaborazzjoni ma' the Malta foundation for Social Wellbeing u xi entitajiet oħra.

**47.6.7 ALDA – Particpatory Budgeting**

Il-President semma li l-AKL kienet ġabet kwotazzjoni għal jumejn workshops f' April 2026 fuq it-tħaddiem tal-Budget Parteċipatorju. Semma li ALDA kienu bagħtu proposta u l-Assoċjazzjoni kienet ser tiltaqa' magħhom sabiex tara kif ser tiżviluppa dan il-programm.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **47.6.8 Lovin Malta** | Il-President semma li kellu laqgħa ma' rappreżentanti tal-portal Lovin Malta u il-pakkett li kien propost jidher li huwa wieħed raġonevoli anki kkomparat man-numru tas-segwaċi. Semma li l-pakkett offrut kien jammonta għall-€5,000 li kien jinkludi 2 artikli, 10 press releases kif ukoll 12-il Instagram story. Il-Presdient semma li huwa qed jipproponi li bħala Assoċjazzjoni jibbenifikaw mill-pakkett. Huwa semma li jekk fi ħsiebhom jingħaqdu wkoll ir-Reġjuni forsi wieħed iġib pakett aħjar. |
| **47.6.9 NAO** | Il-President semma li qed ikun hemm diskussjonijiet mal-NAO sabiex issir workshop nhar 15 ta' Jannar anki bi sehem tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jingħata spjegazzjoni mill-awdituri x' għandu jiġi preparat mill-Kunsilli u spjega wkoll tal-irwol tas-Sindku, l-accountant tal-Kunsill, is-Segretarju Eżħekuttiv u anki l-ħaddiema sabiex l-awditjar issir b' mod spedit u mingħajr ma jħarbat l-operat tal-Kunsill Lokali. |
| **47.6.10 NHS Plan** | Il-President propona li l-Assoċjazzjoni toffri pjan ta' NHS insurance lill-Membri tal-Eżekuttiv u ħaddiema tal-AKL. Semma li din ma teskludiex li ssir il-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa imma li hija komplimentari għal dik eżistenti u tkopri claims li mhumiex koperti taħt l-assigurazzjoni l-oħra. Kien hemm qbil biex din il-proposta tiġi implimentata. |
| **47.6.11 Rotta tal-Feniċi** | Il-President semma li kien hemm komunikazzjoni mad-Direttur responsabbli mir-Rotta tal-Feniċi sabiex tibda tinbena r-rotta tal-Feniċi f' Malta kif ukoll jiġu rikonoxuti dawk il-lokalitajiet li huma parti minn din ir-rotta. Semma li mistennija li dan il-proġett jibda f' Jannar 2026. |
| **47.6.12 Investigazzjoni – Proġett SunEagle** | Il-President semma li kinet intbgħatet rikjesta lill-Universita' tal-Inġinerija ġewwa Napli sabiex tintbgħat l-informazzjoni fuq il-proġett li xtaqu li jivverifikaw il-Pulizija. Il-President semma li war ali ntbgħatet rikjesta bil-posta reġistrata dawn kienu bagħtu twġieba bl-ammonti ta' fondi li kienu ġew trasferiti lill-Assoċjazzjoni. |
| **47.6.13 AICCRE** | Il-President semma li l-proġett mal-AICCRE ġewwa Malta kien suċċess u li issa kien imiss li delegazzjoni maltija lejn Marzu iżżur Sardenja. Semma li dan il-proġett ser ikun marbut mal-EloGE ugħaldaqstant ser ikunu eliġbbli Reġjuni u Kunsilli li jkunu parteċipi fil-programm EloGE. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **47.6.14 Letter of Suppor-Kooperattivi** | Il-President semma li kienet intbgħatet ittra ta' support għall-propost tal-miżuri fil-budget imresqa mill-Kooperattiv sabiex ikollhom għodod u inċentivi ħajar għal żvilupp ta' proġetti komunitarji. |
| **47.6.15 ERASMUS+** | Il-President semma li kien ġie miktub u sottomess proġett bejn l-AKL u s-Serbja ta' mobbilita' fuq involviment ta' nisa migranti u t-tibdil fil-klima. Semma li wieħed issa jistenna għar-riżultati. |
| **47.6.16 CEMR – Bridges of Trust** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet intgħażlet flimkien mal-Italja u Spanja fejn ser inkunu qed nipparteċipaw fil-proġett Bridges of Trust. Semma li ser jingħata fond għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. |
| **47.6.17 Prime Minister Scuola** | Il-President semma li l-inizjattiva ser tkun imnedija fis-Summit li ser issir nhar 4 u 5 ta' Diċembru 2025. Semma li ser tinħareġ is-sejħa għall-tfajliet li jixtiequ jipparteċipaw kif ukoll għall-mentors li ser ikunu qed iħaddmu din l-inizjattiva. |
| **47.6.18 GreenMT** | Il-President semma li kienet intbgħatet komunikazzjoni minn GreenMT minħabba l-WEEE. Semma li l-iskema lesta li r-rimborz ta' €100 għal kull tunellata WEEE li jiġi migbur kif suppost jgħaddu lura għand il-Kunsilli. |
| **47.6.19 Ġbir ta' skart riċiklabbli minflok nhar l-25 ta' Diċembru u 1 ta' Jannar** | Il-President semma li dan is-suġġett kien inġb għall-attenzzjoni tal-ERA sabiex ikun hemm deċiżjoni jinbidlux l-ġranet tal-ġabra tal-iskart riċiklabbli għall-ħmistax tal-festi tal-Milied. Dan peress li l-ġabra ser taħbat nahar il-Milied u l-Ewwel tas-Sena. |
| **47.6.20 Swieq fil-Beraħ** | Il-President semma li kienet saret laqgħa rigward is-suġġett. Semma li reġa' preżenta l-pożizzjoni li kienet għamlet l-Assoċjazzjoni fis-snin 2018, 2019 u s-sena 2023 kull darba li kien hemm Green Paper ibbulikata fuq is-suġġett. Semma li kien hemm qbil li jsir kumitatt ad hoc bejn DLG, AKL u Direttorat ta' Trade. |
| **47.6.21 Bidla Fir-Regolamenti OHSA** | Il-President semma li kine hemm komunikazzjoni dwar bidla f' regolamaneti tal-OHSA waqt li tkun qed tiġi irranġata Belisha Light. Semma li f' din il-komunikazzjoni huwa indikat li għandu jkun hemm l-enforcement sakemm din tiġi mibdula sabiex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema li jkun qed jagħmel il-manutenzzjoni. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**47.6.22 Bus Shelters**

Il-President semma li kien hemm komunikazzjoni fuq dinil-materja mir-Reġjun Nofsinhar. Semma li dak li qed jintqal minn uħud mill-Kunsilli Lokali mhuwiex qed juri r-realta' tas-sitwazzjoni. Dan meta l-Kunsill Lokali taz-Zejtun m' għandu l-ebda DNO sottomessa sabiex jinbeda l-proċess. Filwaqt li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi kellu DNO li sakemm beda l-proċess din skadit. Filwaqt li dak ta' Birżebbuġa lanqas taw delega li ser ikunu qed jagħmlu użu mill-kuntratt.
Il-President semma li nhar 11 ta' Novembru hemm anki laqgħa l-Ministru sabiex jiġi spjegat dan.

**47.6.23 Ħamiem Selvaġġ**

Il-President semma li kien hemm komunikazzjoni mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar fejn qed jistaqsu sabiex ikun hemm intervent ta' mitigazzjoni fuq il-ħamiem selvaġġ. Il-President semma li suppost ser tkun qed toħroġ deroga jew diġa ħarġet tal-mod kif għandu jinqabad dan il-ħamiem. Semma li hemm diversi kommunikazzjoni għaddejja anki mas-Senita' fuq din il-kwistjoni imma jidher li minkejja li huwa ikkunsidrat bħala pest ħadd mill-awtoritajiet ma jrid jieħu l-iżbriga li jiddeċiedi fuq din il-materja.

**47.6.24 Blue Bagdes**

Il-President semma li inġib għall-attenzzjoni tiegħu xi diverġenzi fil-proċess li wieħed irid isegwi sabiex japplika għall-Blue Badge. Semma li jidher li hemm xi Kunsilli li qed tkun diffiċli għalihom biex japprovaw jew mod ieħor peress li ma jkunux jafu lill-persuna u finalment il-Kunsill mhuwiex il-persuna professjonista' li tiddikjara persuna għandiex bżonn Blue Badge jew le.
Is-Sur Charles Bonello semma li TM għandha tieħu azzjoni u tneħħi mill-ewwel Blue Badges ta' persuni li jmutu mingħajr l-bżonn li dawn jiġu rrapurtati mill-familjari. Dan agħndu jsir abbażi li joħroġ iċ-ċertifikat tal-mewt tal-persuna.

**47.6.25 MoU Xjenza Malta**

Il-President semma liser ikun qed jiġi ffirmat MoU bejn l-AKL, Xjenza Malta u DLG għall-promozzjoni ta' servizzi minn Xjenza Malta mal-Kunsilli Lokali, rati speċjali għall-residenti kif ukoll organizazzjoni ta' ħarġiet edukattivi mill-Kunsilli Lokali b' rati preferenzjali. Il-President spjega li l-MoU qiegħed għand id-Diviżjoni sabiex ikun hemm l-approvazzjoni tal-iffirmar min-naħa tagħhom.

**47.6.26 Teambuilding**

Il-President semma li din l-attivita' ser issir nhar 21 ta' Novembru fejn għaliha ser ikun hemm mistiedna il-Kunsilli Reġjoanlu u Lokali flimkien mad-Diviżjoni għall-Gvern Loakli.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | Semma li din l-attivita' ser tibda min-nofsinhar 'l quddiem. |
| **47.6.27 Studju Demografiku** | Il-President semma li għaddejjien diskussjonijiet sabiex isir studju demografiku fil-lokalitajiet l-aktar milquta'. Semma li qed jitkellem mal-Universita' ta' Malta sabiex joħroġ metidoloġija ta' dan l-istudju. |
| **47.6.28 TSI** | Il-President semma li l-assoċjazzjoni ser tkun qed tara kif tista' tapplika għall-fondi mill-programm TSI sabiex il-proġett jintuża bħala għodda biex naraw l-aspetattivi tar-residenti fil-Gvern lokali, x' inhu l-limitu u l-awtorita' tal-qasam tal-Gvern Lokali u kif dan irid jiġi imsaħħaħ biex joqrob lejn l-aspettativi tar-residenti. |
| **47.6.29 Ikla tal-Milied – AKL** | Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied bejn l-Eżekuttiv issir nhar is-17 ta' Diċembru 2025. |
| **47.6.30 Ħaddiema Klerikali fuq bażi Part-time Skala 15** | Il-President semma li s-sejħa kienet ħarġet internament ma daħlu l-ebda applikazzjonijiet u kienet daħlet applikazzjoni minn Part 1 mill-Jobsplus u li kienet ser issir l-intervista. Semma li jekk kemm-il darba l-applikanta tgħaddi din ser tkun qed tintalab sabiex tibda b' mod immedjat minħabba anki ix-xogħol li kien riesaq relatat ma' proġetti u attivitajiet. |

**47.7 Aġġornament**

47.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-seba' ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2025 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**